## 13 ta' Frar, 1950

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Onor. Edgar Cuschieri, O.B.E., ne.

*versus*

Perit Gustavo R. Vincenti A. & C.E.

## Kuntratt — Interpretazzjoni.

***Meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruħhom ċar, jew posteriorment għall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bħala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx ġiet prevduta u li kienu jkunu ħassbu fiha, allura l-Qorti tkun obbligata tinterpreta l-konvenzjoni; u din għandha tiġi primierament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu ħadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher ċar mill-kumpless tal-konvenzjonijiet.***

***Il-leġislatur fil-materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratt niżżel ċerti regoli, li huma pjuttost direttivi, milli assoluti, li għandhom jiġu segwiti skond iċ-ċirkustanzi; u prinċipalment il-prinċipju illi meta t-termini tal-kuntratt huma oskuri jrid jiġi kunsidrat dak li l-partijiet kontraenti riedu. U wkoll il-klawsoli tagħhom tista' tiġi interpretata permezz ta' xi atti ta' l-istess partijiet, jew tal-lokalità fejn huma jabitaw u ordinarjament imexxu x-xogħol tagħhom, jew b'xi mezz ieħor, huwa konvenjenti li jiġi segwit dak li hu l-aktar verosimili skond dawk il-mezzi anzikkè wieħed jattjeni ruħu għas-sens letterali tal-kliem.***

***Imma meta l-espressjonijiet tal-konvenzjoni, skond is-sens li jkollhom, attri-***

***bnit mill-ġdid fl-epoka tal-kuntratt, huwa ċari, ma hemmx lok għal ebda interpretazzjoni.***

***Bl-iskorta ta' dawn il-prinċipji ġenerali ġie interpretat f'din is-sentenza l-kuntratt tal-konċessjoni enfitewtika li saret tas-sit fejn kienu l-fran mibnija mill-Kavaljeri u fejn illum hemm mibnija Vincenti's Buildings, limitatament għall-klawsola 5 ta' dak il-kuntratt u riferibilment għall-obligu tal-formazzjoni ta' dik il-parti ta' Strait Street li tiġi quddiem dak il-bini.***

**Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni** quddiem il-Prim'Awla **tal-Qorti Ċivili, fejn l-attur, wara** li qal li l-konvenut, b'kun**tratt fl-attijiet** tan-Nutar Calcedonio Gatt tal-10 ta' Mejju **1937** (dok. A), ottjena **b'titolu** ta' enfitewsi perpetwa minn **għand** it-Teżorier tal-Gvern u Direttur tal-Kuntratti sitt siti **fabbrikabili tal-kejl superfiċjali ta' 801.78 kanni kwadri komplessivament**, li **jikkonfinaw** mill-majjistral ma' **Old** Bakery **Street, mill-grigal ma' Saint** John Street u mix-xlokk ma' **Strait Street, fejn il-lum huwa erett il-blokk magħruf** bħala Vincenti's Buildings; u li skond l-imsemmi **kuntratt**, u speċjalment **skond** il-kondizzjoni numru 5, il-konvenut assuma l-obligu li jagħmel a spejjeż tiegħu u għas-soddisfazzjon tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi, ix-xogħol meħtieġ biex tiġi mwessa', skond ma turi bl-isfar il-pjanta "A" annessa ma' dak il-kuntratt u eżibita bħala dokument "B", dik il-parti ta' Strait Street adjaċenti: ma' l-art lilu konċessa b'dak il-kuntratt, ħema art konċessa ma kienetx tikkomprendi l-art li kellha tiġi konvertita fi triq; u li għalkemm interpellat tant verbalment kemm b'ittra uffiċjali tat-23 ta' Settembru 1946, il-konvenut ma għamelx dawk ix-xogħlijiet, anzi ppretenda li dawn ix-xogħlijiet għamilhom, għaliex ikkontenda li hu ma kellu x'jagħmel xejn ħlief iħalli spazju disponibbli għat-triq, pretensjoni din li ma tistax isseħħ, għaliex il-konvenut ma setax ma jħallix disponibbli dak l-ispazju, stante li dana qatt ma ġie lilu trasferit; talab :— (1) Li jiġi dikjarat u deċiż illi skond il-kuntratt fuq imsemmi l-konvenut assuma l-obligu li jagħmel għas-spejjeż tiegħu u għas-soddisfazzjon tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi x-xogħlijiet kollha meħtieġa biex l-ispazju ta' Strait Street adjaċenti ma' l-imsemmi Vincenti Buildings, indikat bl-isfar fil-pjanta annessa Dokument "B", jiġi konvertit fi triq, u konsistenti dawn ix-xogħlijiet fil-livellar u fl-għam-

la tas-superfiċji tat-triq u xogħlijiet oħra aċċessorji; (2) li konsegwentement il-konvenut jiġi kundannat biex jagħmel ix-xogħlijiet imsemmijin fid-domanda preċedenti bil-mod u fiż-żmien li jiġi lilu prefiss minn dina l-Qorti; (3) li jekk il-konvenut jonqos milli jagħmel ix-xogħlijiet f'dak it-terminu u mod, huwa (l-attur nomine) jiġi minn dina l-Qorti awtorizzat biex jagħmel l-istess xogħlijiet għas-spejjeż tal-konvenut taħt id-direzzjoni tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi; kollox taħt il-provvedimenti l-oħra kollha li din il-Qorti jista' jidhrilha li għandha tagħti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-20 ta' Settembru 1946, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-8 ta' Ottubru 1949, li biha ġie dikjarat li l-konvenut skond il-kuntratt assuma l-obbligu li jagħmel, għas-spejjeż tiegħu u għas-soddisfazzjon tad-Direttur tal-Public Works, ix-xogħlijiet kollha meħtieġa biex is-sezzjoni ta' Strait Street adjaċenti għal Vincenti Buildings, indikata bl-isfar fil-pjanta annessa maċ-ċitazzjoni, tiġi konvertita skond it-talba fi triq; u t-tieni nett ik-kundannat il-konvenut jagħmel dawk ix-xogħlijiet kollha, prinċipali u aċċessorji, li huma meħtieġa skond l-istess talba, fi żmien sitt xhur minn dak in-nhar tas-sentenza; u fl-aħħarnett, fin-nuqqas li l-konvenut jagħmel dak ix-xogħol fit-terminu fuq fissat, awtorizzat l-attur nomine jagħmlu għas-spejjeż tal-konvenut taħt id-direzzjoni tad-Direttur tal-Public Works, jew persuna teknika tad-Dipartiment; u ordnat li l-ispejjeż jitħallsu bin-nofs bejn il-kontendenti, barra mid-dritt tar-reġistru, li kellu jibqa' għall-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi l-kwistjoni hija ċirkoskritta għall-klawsola (5) tal-kuntratt eżibit ma' l-att taċ-ċitazzjoni, li hija konċepita u mniżżla b'dawn il-kliem :— "The lessee shall carry out at his expense and to the satisfaction of the Director of Public Works the necessary work for widening, as shown in yellow plan "A", that section of Strada Stretta adjoining the site granted to him on lease".

Illi meta l-attur isostni li dika l-klawsola għandha tiftiehem fis-sens li l-konvenut kellu jagħmel ix-xogħlijiet tal-livellar u għemil tas-superfiċji tal-parti tat-triq fuq il-pjanta ndikata bil-kulur isfar għas-spejjeż tiegħu u għas-soddisfazzjon

tad-Direttur tal-Public Works, il-konvenut jgħid li għandha tittieħed fis-sens limitat tax-xogħol preparatorju sabiex tit-wessa' t-triq fuq imsemmija skond id-direttivi tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet;

*Omissis;*

Illi fid-dritt dwar il-materja ta' interpretazzjoni tal-kuntratti, meta l-partijiet ma jkunux spjegaw ruħhom ċar, jew jkunu spjegaw ruħhom ekwivokament, jew fil-każ li posterjorment għall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bħala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx preveduta u li hemm bżonn li tiġi maqtugħa, allura l-Qrati jkunu obligati jinterpretaw il-konvenzjoni; u dina għandha tiġi primjerament interpretata skond l-intenzjoni komuni tal-partijiet li jkunu ħadu parti fil-kuntratt, u li tkun tidher ċar mill-kumpless tal-konvenzjonijiet (ara L. 34 ff. de regulis juris, Ulpiano—semper in stipulationibus, et in ceteris contractibus id sequimur quod actum est; aut si non appareat quid actum est, erit consequens ut id sequamur quod in regione in qua actum est frequentatur. Quid ergo, si neque regionis mos appareat, quia varibus fuit? ad id quod minimum est redigenda summa est). F'materja hekk diffiċili, bħal ma hija l-interpretazzjoni tal-kuntratti, il-leġislatur, sabiex jevita l-konsegwenzi fatali dovuti għall-arbitriju tal-ġudikant, niżżel fil-liġi ċerti regoli li huma suffragati mill-għerf tad-Dritt Ruman u mill-esperjenza tas-sekoli, pjuttost bħala direttivi anzikkè bħala normi assoluti u infiessibili, b'mod li bħala normi direttivi dawk l-istess regoli skond iċ-ċirkustanzi jistgħu ma jiġux pedissekwament segwiti, kif qalet il-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Franza fit-18 ta' Marzu 1807 riportata mill-Merlin fir-Repertorju tiegħu taħt il-vuċi "Convention", para. 7 fl-aħħar;

Infatti ingħad li anki l-istess ġurekonsulti romani rigward dina l-verità, kif jidher mill-L. 17 ff. de regulis juris, fejn hemm kanonizzat il-prinċipju li "cum tempus in testamento adjicitur credendum est pro haerede adjectum nisi alia mens fuerit testatoris, sicuti in stipulationibus promissoris gratia tempus adjicitur", u kif huwa konfermat mill-eċċezzjoni għar-regoli u definizzjonijiet proposti, "nisi mens testatoris obaistat............" tal-L. 19. para. 1 ff. de cond. et demonst. u bnadi oħra tad-Diġest; u r-raġuni ġuridika għal dana l-adat-

tament tinsab fil-fatt li r-regoli proposti ma jistgħux ikunu nfiniti u adattabili għall-każi kollha u tant varjati u moltepliċi talmanjeri kif il-bnedmin fil-ħajja ordinarja jistgħu jesprimu ruħhom. Kien għalhekk li l-legislatur kwindi beda biex l-ewwelnett jiffissa l-prinċipju li meta t-termini huma oskuri jrid jiġi kunsidrat dak li l-partijiet kontraenti riedu; u jekk il-volontà tagħhom tista' tiġi nterpretata per mezz ta' xi użu ta' l-istess partijiet, jew tal-lokalità jew reġjoni fejn jgħammru u ordinarjament imexxu x-xogħol tagħhom, jew b'mezzi oħra, huwa konvenjenti li jiġi segwit dak li huwa l-aktar verosimili skond dawk il-veduti anzikkè l-bniedem jattjeni ruħu għas-sens letterali tal-kliem (ara l-L. 34 ff. "de regulis juris" fuq imniżżla "in extenso", u l-liġi 114 ff. "de regulis juris" li tgħid "in obscuris in speci solet quod verisimilius est, aut quod plerumque fieri solet"). Mill-banda l-oħra jingħad li hija norma ta' interpretazzjoni stabbilita mil-liġi illi meta l-espressjonijiet filkonvenzjoni, skond is-sens lilhom attribwit mill-użu fl-epoka tal-kuntratt, huma ċari, m'hemmx lok għal ebda interpretazzjoni. Mhux lanqas ozjuż li jingħad li, stabbilit il-prinċipju nkonkuss, loġiku u naturali, li r-rabta tal-konvenzjonijiet titnissel neċessarjament mill-unjoni tal-kunsensi tal-kontraenti, il-konsegwenza hija li l-kliem tal-konvenzjoni għandhom (1) jassumu s-sens li l-partijiet li jkunu ntrabtu jkunu manifestament riedu jagħtuhom, jew jassumu s-sinifikat li (2) l-manjera komuni ta' l-espressjoni "per sè" tiddetermina, jew (3) il-verità ta' l-operat turrikjedi;

Illi, stabbiliti l-prinċipji ġenerali ta' interpretazzjoni "in subiecta materia", jingħad li fil-verità l-fran, li kienu ġew mibnija mill-Kavaljeri, u l-estensjoni ta' l-art li fuqu kienu mibnija, kienu jokkupaw mhux biss is-sit li ġie mogħti b'enfitewsi perpetwa lill-konvenut, iżda anki l-istrixxa li fuq il-pjanta eżibita hija kolorita bl-isfar, b'mod li Strait Street, jew allura Strada Stretta, kienet tikkorrispondi bejn wieħed u ieħor għall-wisgħa tagħha għall-kumplament ta' dik l-istess triq li baqgħet ma tmessetx sal-lum. Meta l-Gvern Ċivili kkonċeda l-enfitewsi "de quo" lill-konvenut ma tahx l-estensjoni kollha li fuqu kienu mtellgħin il-fran, iżda dik l-estensjoni bin-nuqqas ta' l-istrixxa safra, b'mod li l-bini ġdid li kellu jtella' l-konvenut kellu jiġi pjantat aktar 'il ġewwa mill-linja li fuqha

kien kostruwit il-bini antik. Dana l-istat ta' fatti ġieb miegħu li Strait Street fil-parti hekk konċessa ġiet twessgħet, jew aħjar kienet sejra tiġi mwessa'. Il-korp ta' bini li kien jeżisti qabel, tant fuq l-istrixxa safra kemm fuq l-estensjoni ta' l-art retrostanti għaliha, bħala blokk jew unità, kellu impliċitament jiġi di konsegwenza xjolt u demolit sabiex jiġi sostitwit bil-bini ġdid fuq l-area aktar ristretta konċessa. Skond il-prattika ordinarja ta' dan il-pajjiż, meta persuna jew korp morali jieħu sit għall-bini li fuqu jkun hemm bini antik li ma jkunx iservi, fin-nuqqas ta' stipulazzjoni formali kuntrarja għal dak li ordinarjament isir, irid jiddemolixxi għas-spejjeż tiegħu l-antik. Del resto dana huwa u kien anki konnaturali għall-istess konvenzjoni "de quo". Minn dana jitnissel li l-partijiet fil-kuntratt imsemmi, għalkemm ma semmew xejn fil-miktub tal-konvenzjoni dwar id-demolizzjoni tal-bini antik espressament, impliċitament, virtwalment, u materjalment riedu li dik id-demolizzjoni tal-korp solidu bħala unità u blokk issir; u jekk kellha ssir, il-vantaġġ ritratt jaqa' li kellha tiġi magħmula mill-konċessjonarju, u mhux mill-konċedenti. Fuq dana l-pont il-konvenut donnu li ma jaqbelx, għaliex għalkemm fil-fatt huwa jammetti li meta ddemolixxa l-korp tal-fran huwa ma llimitax ruħu għall-bini fuq l-estensjoni lilu konċessa, imma anki intrapprenda u niżżel il-ħitan u bini li kienu pjantati fuq l-istrixxa s-safra li lilu ma kienetx ġiet konċessa għall-bini, u kif qal huwa stess meta xehed, ħaseb a spejjeż tiegħu jirrimwovi l-materjal wara li ġiet xjolta l-unità tal-korp "de quo dicimus", insista però biex jgħid li huwa għamel u intrapprenda dik id-demolizzjoni tal-bini fuq l-istrixxa s-safra minħabba fl-interpretazzjoni li huwa ġiet mogħtija lill-klawsola 5 tal-kuntratt, u mhux bħala konsegwenza naturali tal-konvenzjoni suġġerita mill-vantaġġ lilu derivanti, dak li fermament taħseb dina l-Qorti li ġagħlitu jintrapprendi dak ix-xogħol;

Dana jġibna għall-konsegwenza li l-klawsola 5, li dwarha hemm kwistjoni, ma setgħetx tkun biss intiża fil-fehma tal-kontraenti sabiex jiġi demolit il-bini li kien hemm fuq l-istrixxa s-safra, għalkemm dik il-klawsola tirrafforzaha, imma ta' bilfors li kellha fehma oħra aktar ta' karattru estensiv; għaliex kieku l-istess ma kienetx tiġi apposta, meta x-xogħol li fil-fatt sar mill-konvenut kien skond dak li ordinarjament

isir u fl-istess mentri konnaturali għall-obligazzjoni minnu assunta skond in-natura tal-kuntratt. In konsegwenza ta' dak il-kuntratt Strait Street fil-parti fejn kellu jitla' l-bini ġdid kienet awtomatikament sejra titwessa', u ma jistax ikun li l-partijiet kontraenti f'dak il-kuntratt ma kienux jafu li meta kellu jaqa' l-bini tal-fran il-parti adjaċenti ta' l-istess triq ma kienetx sejra tkun ta' l-istess materjal, jew aħjar ta' l-istess omoġeneità tal-parti l-oħra adjaċenti għall-bini ta' quddiem il-bini ġdid jekk l-istess ma kienetx sejra tiġi taqbel mal-parti l-oħra dwar is-superfiċi. Il-partijiet kienu wkoll jafu li Strait Street kienet proprjetà tal-Gvern, u li fin-nuqqas ta' klawsoli "ad hoc" fil-kuntratt l-ispiża għall-wisa' aġġunta bil-kuntratt fuq imsemmi bil-konsegwenzi tagħha kollha kienet awtomatikament tivverti fuq l-istess Gvern. Fiddawl ta' dawn l-aħħar żewġ konoxxenzi naturali u loġiċi l-klawsola 5 tal-kuntratt imsemmi għandha tiġi interpretata fil-ħaieb ta' dan il-Qorti;

Illi l-klawsola "de quo agitur" timporta li l-konċessjonarju kellu (1) jagħmel ix-xogħol neċessarju biex is-sezzjoni ta' Strada Stretta adjaċenti mas-sit mogħti b'enfitewsi lilu u indikata fil-pjanta "A" bl-isfar tiġi aġġunta bħala wisa' ta' l-istess triq, (2) li jagħmel dak ix-xogħol għas-spejjeż tiegħu, u (3) li jagħmlu għas-sodisfazzjon tad-Direttur tal-Public Works;

Illi l-espressjoni "the necessary work for widening" ma timporta ebda limitazzjoni jew distinzjoni fis-sens li x-xogħol li kellu jsir jiġi maqsum f'xogħol preparatorju u xogħol finali, xogħol dan l-aħħar imsemmi li neċessarjament jimporta l-omoġeneità tas-superfiċi ta' l-istess triq. Ix-xogħol li kien neċessarju biex il-biċċa strixxa safra tiġi mqiegħda u aġġunta mal-biċċa l-oħra ta' Strada Stretta, li in konsegwenza talkonvenzjoni kienet sejra tkun imwessa', kien ix-xogħol sabiex it-triq tkun omoġenea; u dana huwa l-veru sens li għandha tirriporta dik l-espressjoni. Infatti, kieku ma kienx hekk, (1) il-partijiet qabel il-kuntratt kienu jafu u setgħu kienu jafu li l-istrixxa safra ma kienetx sejra tkun omoġenea malparti l-oħra ta' l-istess triq bla dak ix-xogħol finali u bixxogħol biss preparatorju; kieku riedu jillimitaw ix-xogħol

neċessarju "for widening that section of Strada Stretta etc." għall-istess xogħol preparatorju biss kienu jgħiduh u jillimitawh, u mhux jużaw espressjoni komprensiva; (2) li l-Gvern li dwar it-triqat demanjali huwa tenut jagħmilhom għas-spejjeż tiegħu, kieku verament ried bl-espressjoni "xogħol neċessarju" jirrestrinġi l-opri għax-xogħol preparatorju biss, kien iħaxer l-assunzjoni tiegħu għall-parti finali sabiex it-triq tikun omoġenea dwar il-wiċċ tagħha b'xi espressjoni intiża biex tikkontrobilanċja l-ispiża li kien qiegħed jassumi l-konċessjonarju kif jidher mill-frażi "at his own expense", fil-konfronti tal-"lessee", u mhux isemmi biss l-ispiża assunta mill-konċessjonarju. Fi kliem ieħor kien ikun naturali u loġiku li jingħad liema mix-xogħol neċessarju kien sejjer jassumi a spejjeż tiegħu l-Gvern u liema l-konċessjonarju. Huwa forsi aktar minnu li x-xogħol neċessarju kollu kellu jsir mill-konċessjonarju, u peress li Strait Street (Strada Stretta) kif kienet hija proprjetà tal-Gvern, dan l-aħħar imsemmi, biex ma jassumix l-ispiża li skond il-liġi u l-prattika ordinarja kien ikun tenut jagħmel kieku ma niżżilx dika l-klawsola, tefagħha fuq il-konċessjonarju bi klawsola "ad hoc" in vista tal-vantaġġ li l-istess kien sejjer jirritrai mill-konċessjoni; (3) illi l-kondizzjoni li x-xogħol kellu jsir "a sodisfazzjon tad-Direttur tal-Public Works" turi, "se non altro", a vantaġġ ta' min kellha topra dik il-klawsola, apparti l-konsiderazzjoni tal-ħsieb tal-ħaġa publika;

Il-konvenut qal a rigward ta' dina l-espressjoni wżata fil-kuntratt, li l-livelli ġew lilu mogħtija mill-periti tal-Gvern, li qatt ma wrewh li kienu insodisfatti mix-xogħol li huwa kien qiegħed inexxi; iżda huwa fatt li l-Gvern baqa' dejjem jinsisti mal-konvenut biex huwa jagħmel is-sezzjoni tat-triq imsemmija li kienet konsegwenza tal-konċessjoni, omoġeneament mas-sezzjoni l-antika — dak li juri li d-Direttur tal-Public Works donnu li ma kienx sodisfatt mix-xogħol li kien għamel il-konvenut dwar is-sezzjoni safra. Jirriżulta wkoll li dikjarazzjoni bil-miktub mill-Public Works għal dana l-effett u f'dak is-sens ma ħargitx. Huwa minnu li l-kuntratt ma jsemmix li dika d-dikjarazzjoni kellha tingħata bil-miktub, u kwindi setgħet tingħata verbalment, imma l-konvenut ma jgħidx li ġiet lilu mogħtija oralment, iżda jiddeduċiha

mill-fatt li ma żammewhx mix-xogħol; u barra minn dan hu fatt li bl-ittra uffiċjali tat-23 ta' Settembru 1946, il-konvenut ġie interpellat biex jagħmel dak li ried il-kuntratt skond il-fehma tal-Gvern, u mill-provi ma jirriżultax li l-istess konvenut mexxa 'l quddiem xi azzjoni sabiex jiġi dikjarat ġudizzjarjament li x-xogħol in meritu għall-kwistjoni kien sar jew kellu jittieħed li kien sar għas-sodisfazzjon tal-Kap tad-Dipartiment imsemmi, kif huwa jgħid li sar;

Illi jekk biex issir is-sezzjoni tat-triq murija fl-istrixxa safra tal-pjanta eżibita t-triq kollha f'dik il-parti trid tinqala', dana ma jfisser xejn, l-għaliex l-attur huwa dispost jassumi għas-spejjeż tiegħu, dik il-parti li mhix imdaħħla fil-kuntratt kif il-konvenut jadempixxi jew juri biċ-ċar, bla titubanza u bis-serjetà, li huwa jrid jogħod għall-kuntratt b'mod li l-omogeneità tas-superfiċi tiġi salvagwardata;

Illi kwindi t-talbiet attriċi huma ġustifikati;

Illi l-meritu jissuġġerixxi temperament fl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi konfermata in kwantu ddeċidiet li l-attur iħallas l-ispejjeż tiegħu, u tiġi revokata in kwantu laqgħet it-talbiet ta' l-attur u kkundannat lill-konvenut iħallas nofs l-ispejjeż u d-dritt tar-reġistru, u billi minflok jiġi deċiż għarriġett tat-talbiet kollha ta' l-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi s-soluzzjoni tal-kwistjoni bejn il-kontendenti tiddependi mill-mod kif għandha tiġi interpretata l-k'awsola 5 tal-kuntratt li sar bejn il-partijiet għand in-Nutar Calcedonio Gatt fl-10 ta' Mejju 1937, u li kopja tiegħu tinsab eżibita fil-fol. 6 tal-proċess. Dik il-klawsola tgħid hekk :— "The lessee shall carry out, at his expense and to the satisfaction of the Director of Public Works, the necessary work for widening as shown in yellow plan "A" that section of Strada Stretta adjoining the site granted to him on lease". Dan ifisser li skond dik il-kondizzjoni tal-kuntratt il-konċessjonarju (i.e. il-konvenut appellant) obbliga ruħu li jagħmel a spejjeż tiegħu u għas-sodisfazzjon tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi,

ix-xogħol neċessarju biex iwassa', kif jinsab indikat bl-isfar fil-pjanta "A" alligata ma' l-istess kuntratt, dik il-biċċa ta' Strada Stretta li tmiss mas-sit mogħti lilu b'ċens. Kif jingħad fis-sentenza appellata, u kif mhux in kuntrast bejn il-partijiet, bl-imsemmi kuntratt ma ġiex mogħti b'ċens lill-appellant is-sit kollu li fuqu kienu mibnija l-fran, billi l-estensjoni ta' dan is-sit kienet tikkomprendi, barra mill-biċċa li ġiet konċessa lill-appellant, anki l-biċċa kolorita bl-isfar fuq imsemmija. Din l-aħħar biċċa ġiet eskluża mill-konċessjoni enfitewtika, billi l-Gvern ried li tiġi mgħaqqda ma' Strada Stretta biex din tkun tista' titwessa'. U kienu l-esklużjoni ta' dik l-istrixxa u d-deċiżjoni tat-twessigħ ta' Strada Stretta l-kawża ta' l-inklużjoni fil-kuntratt tal-klawsola 5 fuq imsemmija fil-kuntratt tal-konċessjoni enfitewtika tal-10 ta' Mejju 1937;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-obligu assunt mill-appellant li jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa biex iwessa' Strada Stretta b'dik il-parti markata bl-isfar fil-pjanta "A" (fol. 10) huwa minnu nnifsu ċar, u ma għandux bżonn ta' interpretazzjoni. Ix-xogħlijiet li l-appellant huwa tenut jagħmel jikkonsistu fit-twessigħ tat-triq għall-estensjoni tas-superfiċi kollha markata bl-isfar fl-imsemmija pjanta "A"; u dak ix-xogħol ta' twessigħ ma jistax jiġi intiż bħala limitat għax-xogħol preparatorju, kif jippretendi l-appellant, billi b'dan il-mod ikun qiegħed jiġi mogħti lill-klawsola fuq imsemmija interpretazzjoni ristretta mingħajr ebda ġustifikazzjoni. Għalhekk, kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, l-espressjoni "the necessary works for widening", kontenuta f'dik il-klawsola, ma timporta ebda limitazzjoni jew distinzjoni fis-sens li x-xogħol li kellu jsir kellu jiġi maqsum f'xogħol preparatorju u xogħol finali. L-obligu ta' l-appellant skond l-imsemmija klawsola, huwa li jeżegwixxi x-xogħol neċessarju biex il-biċċa markata bl-isfar fil-pjanta "A" tiġi miżjuda mal-biċċa l-oħra ta' Strada Stretta, li għalhekk kellha tiġi mwessa' b'mod li dik il-biċċa markata bl-isfar u l-kumplament tat-triq ġa eżistenti jsiru ħaġa waħda. Għaldaqstant, in bażi għal dak li ntqal fuq, l-appell prinċipali ma jistax jiġi milqugħ, u għandu jiġi respint;

Ikkunsidrat fuq l-appell inċidentali ta' l-attur nomine;

Illi fl-fehma ta' din il-Qorti f'dan il-każ ma tikkonkorri ebda raġuni minn dawk imsemmijin fit-tielet paragrafu ta' l-art. 221 tal-Kodići tal-Procedura Ćivili biex tiġi varjata r-regola stabbilita fl-ewwel paragrafu ta' l-istess artikolu, jiġifieri li s-sokkombent fil-meritu għandu jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż. Għalhekk l-appell incidentali jisthoqqlu jiġi milqugħ;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti sa fejn kompatibili;

Tirrespinġi l-appell principali tal-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u tilqa' l-appell incidentali ta' l-attur nomine bl-ispejjeż kontra l-imsemmi konvenut; u konsegwentement tikkonferma fil-meritu s-sentenza appellata, u tirriformaha fil-kap ta' l-ispejjeż billi tordna illi l-ispejjeż kollha, kompriżi dawk ta' din l-istanza, jiħallsu mill-konvenut. B'dana li t-terminu ta' sitt xhur bl-istess sentenza prefiss għandu jibda jgħaddi millum.